## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KUMP. NRU. 323/2022: IL-PULIZIJA (SPETTUR LYDON ZAMMIT) V. OMISSIS, XHOVANO NDOCI (KI. 220699A) U AGOSTIN MARKU (KI. ALBANIŻA 33564511)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Lulju 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra *omissis*, Xhovano Ndoci, iben Nikolin u Angelina nee' Perndreu, imwieled l-Albanija nhar it-30 ta' April 1999, residenti Tas-Sliema bil-karta tal-identita' numru 220699A u permess ta' residenza Maltija numru MT 6569199 u Agostin Marku, iben Gjergj u Drande Marku, imwieled l-Albanija nhar il-15 ta' Marzu 1999 u residenti Tas-Sliema bil-karta tal-identita' Albaniża numru 33564511, kif emendati fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2023 u ċioe talli:

1. Fis-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2022) u fil-ġranet u l-ġimgħat ta' qabel, ġewwa Malta u/jew f'dawn il-Gżejjer assocjaw ruħhom flimkien bil-għan li jagħmlu delitt jew delitti f'Malta u cioe dak li jikkaġunaw ġrieħi ta' natura gravi fit-terminu 214, 215 u 218 fuq il-persuna ta' Rosario Spiteri, anzjan ta' 62 sena, u li għalihom hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa

***Lil Xhovano Ndoci u lil Agostin Marku waħidhom nakkuzahom :***

2. Talli fis-16 ta' Gunju 2022 għal ħabta ta' 07:15Hrs ta' filgħodu fi Triq Ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana ġewwa Sliema , mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' Rosario Spiteri, anzjan ta' 62 sena f'periklu car, izda bil-ħsieb li jikkaġunaw ġrieħi ta' natura gravi, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga indipendenti u accidentali mil-volonta tiegħu.

***Lil*** [redacted] ***waħdu nakkuzah :***

3. Talli fis-16 ta' Gunju 2022 għal ħabta ta' 07:15Hrs ta' filgħodu fi Triq Ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana ġewwa Sliema , mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' Rosario Spiteri, anzjan ta' 62 sena izda bil-ħsieb li jikkaġunaw ġrieħi ta' natura gravi, irrenda ruħu komplici flimkien ma' persuna/i oħra bil-ħsieb li jagħmlu dan id-delitt,, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga indipendenti u accidentali mil-volonta tiegħu.

***Lil Agostin Marku waħdu nakkuzah:***

4. Talli fl-istess data, ħin,lok u cirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu car, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Rosario Spiteri, anzjan ta' 62 sena. liema grieħi huma ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet, skond kif iccertifikat minn Dr. Jeny Weslin Janakaran (Med reg. no. 4829) mill-Sptar Saint James.

***Lil Xhovano Ndoci u lil [redacted] waħidhom nakkuzahom :***

5. Talli fl-istess data, ħin,lok u cirkostanzi irrendew ruħhom komplici meta flimkien ma persuna/i oħra, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu car, ikkagunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Rosario Spiteri, anzjan ta' 62 sena. liema grieħi huma ta' natura ħafifa salv kumplikazzjonijiet, skond kif iccertifikat minn Dr. Jeny Weslin Janakaran (Med reg. no. 4829) mill-Sptar Saint James.

***Lil Xhovano Ndoci waħdu nakkzuah talli*** :

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi ġarrew 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom licenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzati ghall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

wara li rat illi rat li fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2022, meta l-imputati Xhovano Ndoci u Agostin Marku (flimkien imsejjħa "l-imputati") kienu tressqu taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja, sar l-eżami tagħhom u t-tnejn wieġbu li ma' kienux ħatja[1],

wara li rat illi fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022, [2]il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja għalqet il-kumpilazzjoni fil-konfront ta' *omissis* u tal-imputati u ddeċidiet li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex dawn jitqiegħed taħt att t'akkuża u għalhekk dik il-Qorti ordnat li l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien stipulat skond il-liġi,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-Ordni tal-STO Prim Imħallef datata 24 ta' Lulju 2023[3],

wara li rat illi kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-Difiża ddikjaraw fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2023 li kienu qed jeżentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda mill-ġdid,

wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2023 l-imputati rreġistraw ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrihom u dan wara li dakinhar stess ppreżentaw rikorsi konġunti mal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Art. 392A(5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[4],

wara li rat li l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tagħtom ftit taż-żmien billi pposponiet il-kawża għal ftit minuti, biex jekk iridu jerġgħu lura minnha u dan wara li jkollhom l-opportunita li jikkonsultaw mill-ġdid mal-avukati tagħhom,

---

[1] Fol 15-16
[2] Fol 103
[3] Fol 418a
[4] Fol 419-420

wara li rat illi l-imputati kkonfermaw li kienu qed iżommu ferm fuq l-ammissjoni tagħhom għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrihom,

wara li rat li b'ordni tal-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni l-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju b'mod illi l-proċeduri kontra *omissis* ikomplu b'mod separat,

wara li l-ammissjonijiet tal-imputati ġew irreġistrati, din il-Qorti ġiet awtomatikament ikkonvertita f'waħda ta' Ġudikatura Kriminali u għalhekk il-Qorti għaddiet sabiex tagħti s-sentenza fuq talba tal-partijiet,

wara li rat ir-rikorsi konġunti tal-imputati u tal-Avukat Ġenerali fuq imsemmija,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Qorti qieset illi l-ftehim elenkat fir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat Xhovano Ndoci tal-24 ta' Lulju 2023 u dak elenkat fir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat Agostin Marku tal-24 ta' Lulju 2023, dwar is-sentenza li l-Qorti tista' tapplika fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, it-tnejn saru b'mod validu skond l-Art. 392A(5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk għandhom jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti fl-għoti tas-sentenza tagħha.

2. Il-Qorti qieset ukoll illi hija sodisfatta illi l-pieni mitluba jaqgħu fil-parametri tal-liġi applikabbli għas-sejbien ta' ħtija tal-imputati u stante illi m'hemmx raġunijiet sabiex tiċħad it-talbiet imsemmija, qed tgħaddi għas-sentenza segwenti fuq talba tal-partijiet.

**Deċiżjoni**

3. **Għal dawn ir-raġunijiet:**

    1. **fil-konfront tal-imputat Xhovano Ndoci, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi u ċioe l-Art. 48A, 214, 215, 218, 41(1)(a), 216, 221(1), 42, 257C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Art. 6, 51(7), 55(a) u 56 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah piena karċerarja ta' 20 xahar flimkien ma' multa ta' € 116.47. Inoltre il-Qorti tordna l-konfiska tal-arma użata fir-reat. Il-Qorti tordna ukoll lill-ħati sabiex ai termini tal-Art. 533(1) iħallas kwart tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u ċioe ta' Dr. Katya Vassallo fl-ammont ta' € 26.61.**

    2. **fil-konfront tal-imputat Agostin Marku, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi u ċioe l-Art. 48A, 214, 215, 218, 41(1)(a), 216, 221(1),**

**257C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah piena karċerarja ta' 22 xahar. Il-Qorti tordna ukoll lill-ħati sabiex ai termini tal-Art. 533(1) iħallas kwart tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u ċioe ta' Dr. Katya Vassallo fl-ammont ta' € 26.61.**

3. **fil-konfront tal-imputati, toħroġ Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 kontra l-imputati a favur Rosario Spiteri ("il-persuna protetta") għall-perjodu ta' tlett snin b'dan illi l-imputati qed jiġu pprojbiti milli javviċinaw jew b'xi mod isegwu l-movimenti tal-persuna protetta, jaċċedu ġewwa l-fond fejn jgħix, jaħdem jew jiffrekwenta jew jikkuntattjaw direttament jew indirettament jew jimmolestaw lil persuna protetta. Il-Qorti spjegat lill-imputati li jekk mingħajr skuża raġonevoli jiksru xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqhom f'din l-Ordni huma jkunu ħatja ta' reat u jistgħu jeħlu, meta jinstabu ħatja, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Il-Qorti tordna li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Finalment il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KUMP. NRU. 323/2022: IL-PULIZIJA (SPETTUR LYDON ZAMMIT) V. OMISSIS, XHOVANO NDOCI (KI. 220699A) U AGOSTIN MARKU (KI. ALBANIŻA 33564511)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Lulju 2023**

IL-QORTI,

qegħda tqis li jkun spedjenti li bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna hawn isfel indikata, tagħmel

**Ordni ta' Trażżin**

taħt il-kundizzjonijiet t'hawn taħt:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **tlett (3) snin**.

2. Il-ħatja **Xhovano Ndoci (KI. 220699A) u Agostin Marku (KI. Albaniża 33564511)** qegħdin jiġu pprojbitt milli:

    a. javviċinaw jew b'xi mod isegwu l-movimenti ta' **Rosario Spiteri (KI. 668759M)** ("il-persuni protetta");

    b. jaċċedu ġewwa fond fejn il-persuna protetta jgħix, jaħdem jew jiffrekwenta,

    c. jikkuntattjaw direttament jew indirettament jew jimmolestaw lill-persuna protetta.

3. Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħatja jiksru xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqhom f'din l-Ordni huma jkunu ħatja ta' reat u jeħlu, meta jinstabu ħatja, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

4. Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huma jiksru xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.

Tordna li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |